

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-24 ta' Marzu 2011 — ISD Polska sp. z o.o., Industrial Union of Donbass Corp., ISD Polska sp. z o.o. (li kienet Majątek Hutniczy sp. z o.o.) vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-369/09 P) ⁽¹⁾

(“Appell — Għajjnuna mill-Istat — Deċiżjoni tal-Kummissjoni — Konstatazzjoni tal-inkompatibbiltà ta' għajjnuna mill-Istat mas-suq komuni — Ordni għall-irkupru tal-għajjnuna — Prinċipji ta' ċertezza legali u ta' nuqqas ta' retroattività — Prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi — Determinazzjoni tan-natura ‘xierqa’ tar-rata tal-interessi applikabbli għall-irkupru tal-għajjnuna”)

(2011/C 152/07)

Lingwa tal-proċedura: il-Franċiż

Partijiet

Appellanti: ISD Polska sp. z o.o., Industrial Union of Donbass Corp., ISD Polska sp. z o.o. (li kienet Majątek Hutniczy sp. z o.o.) (rappreżentanti: C. Rapin u E. Van den Haute, avukati)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. Gippini Fournier u A. Stobiecka-Kuik, aġenti)

Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tmien Awla) tal-1 ta' Lulju 2009, ISD Polska et vs Il-Kummissjoni (Kawżi magħquda T-273/06 u T-297/06), li permezz tagħha il-Qorti tal-Prim'Istanza ħadhet ir-rikorsi tar-rikorrenti intiżi għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/937/KE, tal-5 ta' Lulju 2005, dwar l-għajjnuna mill-Istat C-20/04 favur il-produttur tal-azzar Huta Częstochowa S.A. (ĠU L 366, p. 1), sa fejn tiddikjara ċerta għajjnuna bħala inkompatibbli mas-suq komuni u tordna lir-Repubblika tal-Polonja tipproċedi għall-irkupru tagħhom — Prinċipji ta' ċertezza legali u ta' nuqqas ta' retroattività tal-atti Komunitarji — Prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi — Determinazzjoni tan-natura “xierqa” tar-rata ta' interessi applikabbli għall-irkupru tal-għajjnuna ddikjarata inkompatibbli mas-suq komuni

Dispożittiv

- (1) L-appell huwa miċħud.
- (2) ISD Polska sp. z o.o. u Industrial Union of Donbass Corp. huma kkundannati għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 312, 19.12.2009

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-31 ta' Marzu 2011 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika

(Kawża C-407/09) ⁽¹⁾

(“Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas ta' twettiq tal-obbligu li tiġi eżegwita sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja — Sanzjonijiet pekunjarji — Impożizzjoni ta' somma f'daqqqa”)

(2011/C 152/08)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Condou-Durande u A.-M. Rouchaud-Joët, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika (rappreżentanti: A. Samoni-Rantou u N. Dafniou, aġenti)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Artikolu 228 KE — Nuqqas ta' eżekuzzjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Lulju 2007 fil-Kawża C-26/07 — Nuqqas milli tadotta d-dispożizzjonijiet kollha neċessarji sabiex tikkonforma ruħha mad-Direttiva tal-Kunsill 2004/80/KE, tad-29 ta' April 2004, li għandha x'taqsam ma' kumpens għal vittmi ta' delitti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7 p. 65) — Talba għall-iffissar ta' pagamenti ta' penali.

Dispożittiv

- (1) Billi ma addotatx, fid-data li fiha skada t-terminu stabbilit fl-opinjoni motivata maħruġa fit-23 ta' Settembru 2008 mill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, taħt l-Artikolu 228 KE, il-miżuri neċessarji għall-eżekuzzjoni tas-sentenza tat-18 ta' Lulju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-26/07), ir-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 228(1) KE.
- (2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata tħallas lill-Kummissjoni Ewropea, fil-kont “Riżorsi proprji tal-Unjoni Ewropea”, somma f'daqqqa ta' EUR 3 miljun.
- (3) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 11, 16.01.2010.